MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 908/2001/1

**Saviour Schembri u Mary Grace Schembri**

**vs**

**Joseph Caruana**
**Ritienne Caruana**
**Grezzju Caruana**
**Lorenza Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-29 ta’ Ottubru, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jghidu l-ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati prevja d-dikjarazzjoni li huma tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom koncess, skond l-iskrittura privata maghmula bejnithom u bejn l-atturi fil-15 ta’ Settembru, 2000, ghar-restituzzjoni tal-flus dovuti ai termini ta’ l-iskrittura fuq riferita, jhalsu lill-atturi l-ammont ta’ tlett elef u tmien mija u hamsin liri Maltin (Lm3850.00) rapprezentanti l-bilanc kollu dovut fil-

15 ta' Gunju, 2001, oltre l-imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena mill-imsemmija data sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri legali u taz-zewg mandati ta' sekwestru li gie mitlub il-hrug taghhom, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Grezzju u Lorenza konjugi Caruana fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu dawn huma diretti fil-konfront ta' l-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat in Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Grezzju u Lorenza konjugi Caruana fejn eccepew:

1. Illi kuntrarjament ghal dak li sehh bl-iskrittura tal-15 ta' Settembru, 2000, li ghab-bazi taghha qeghda ssir din il-kawza, l-esponenti qatt ma hadu ebda self minghand l-atturi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza li qeghda ssir fil-konfront tal-esponenti hija llecita u kwindi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.
Salve eccezzjoijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Caruana u Ritienne Caruana fejn eccepew:

a. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess atturi.
b. Illi l-konvenuti dejjem ottempraw ruhhom mal-obbligi taghhom.
c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dawn il-proceduri huma vessatorji u intizi sabiex l-istess esponenti jitilfu "… l-beneficcju tat-terminu lilkom koncess".
Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bi skrittura datata 15 ta' Settembru, 2000, (Fol. 13) l-atturi kkoncedew b'self l-ammont ta' sitt elef u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm6,250) lill-konvenuti, pagabbli tlett mitt lira (Lm300) fix-xahar b'rata ta' imghax ta' hamsa fil-mija (5%) a skaletta. Jidher illi dan is-self kien intiz ghal Joseph u Ritienne Caruana ghall-fini ta' l-akkwist tar-residenza matrimonjali. Izda dawn ma waslux biex ghamlu l-pagamenti u waqfu f'Mejju ta' l-2001, biex b'hekk baqa' bilanc ta' tlett elef u tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm3,850) dovuti lill-atturi.

Peress illi l-iskrittura tal-15 ta' Settembru, 2000, fuq imsemmija tghajjat kemm lill-konvenuti Joseph u Ritienne Caruana kif ukoll lil Grezzju u Lorenza Caruana, l-atturi qeghdin ifittxu lill-erbgha li huma ghall-bilanc fuq imsemmi ta' tlett elef u tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm3850).

Il-konvenuti Grezzju u Lorenza Caruana, apparti l-eccezzjoni taghhom a Fol. 6, ecceppew ulterjorament illi huma qatt ma hadu self minghand l-atturi. Apparti l-fatt li din l-eccezzjoni ulterjuri ma tidhirx illi hija awtorizzata, ma dan kollu, l-Qorti jidhrilha li ma jistghux f'dan l-istadju jeccepixxi dan it-tip ta' nuqqas ladarba huma ma hadux mizuri gudizzjarji sabiex jattakkaw l-iskrittura fuq imsemmija tal-15 ta' Settembru, 2000.

Jekk jidhrilhom illi huma gew ingannati jew b'xi mod ma akkwistawx dak illi tghid dik l-iskrittura, allura jmisshom ghamlu kawza *ad hoc* sabiex jinpunjaw l-istess skrittura u mhux jostakolaw lill-atturi li m'huma qed jaghmlu xejn hlief jitolbu flushom lura.

Il-fatt li l-konvenuti Joseph u Ritienne Caruana ppruvaw igibu self minghand il-bank, liema self ma giex ipprovdut, ma jaffettwax il-meritu ta' din il-kawza. Veru illi jista' jkun li Joseph u Ritienne Caruana waqghu fi zminijiet difficli, fejn allura ma kienx aktar possibbli ghalihom illi jhallsu dawk l-ammonti lill-atturi. Pero' dana ma jbiddilx ir-relazzjoni guridika li hemm bejn il-partijiet, dak ta' kreditur u debituri.

Permezz ta’ l-iskrittura fuq imsemmija l-atturi ppruvaw li huma sellfu lill-konvenuti l-ammont fuq indikat, u ghalhekk it-talba taghhom timmerita konferma.

Il-Qorti pero’, sejra tillimita ruhha ai termini ta’ l-iskrittura u mhux ser tiddikjara li dan l-ammont huwa solidalment bejn il-konvenuti. Dana l-ghaliex l-iskrittura ma tghidx hekk.

Il-Qorti ma tistax tmur oltre dak illi hemm dikjarat u ghalhekk tghaddi biex tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif kontenuta fl-Avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom koncess skond skrittura privata maghmula bejnhom u bejn l-atturi fil-15 ta’ Settembru, 2000, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-atturi l-ammont ta’ tlett elef u tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm3850.00) rapprezentanti l-bilanc kollu dovut fil-15 ta’ Gunju, 2001, oltre l-imghax ta’ tmienja fil-mija fis-sena sad-data ta’ l-effettiv pagament; Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------